MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 273/2002

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs
Duncan Galea

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Marzu, 2001, ghall-habta ta' 2.55 a.m. fi Triq ta' Buqana limiti tar-Rabat, Malta, saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura nru. AAD-539:

1) meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
2) saq l-istess vettura wara li kien ikkonsma tant alkohol li proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

3) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Andrew Vella skond kif iccertifika Dr. Moses Camilleri M.D. ta' St. Luke's Hospital;
4) fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Paul Zammit skond kif iccertifika Dr. Mark Mifsud M.D. ta' St. Luke's Hospital;
5) u aktar fl-istess incident involontarjament ikkaguna hsarat fl-istess vettura li kien qed isuq ghad-dannu ta' Joseph Zammit.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 t'Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-artikoli 15 (1) (a), 2, 15A, u B u 18 Kap 65 AL VI/1998, 328 u 226 Kap 9, sabitu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' erba' mitt lira Maltin (LM400), u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Novembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena fin-nuqqas tbiddel is-sentenza billi tapplika piena anqas oneruza w sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu anqas minn sena kif imposta originarjament fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe' li sar apprezzament hazin tal-provi ; li ma gewx pruvati l-elementi mehtiega skond il-ligi fil-konfront tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu li huma l-hamsa kif indikati fl-imputazzjoni , li fl-applikazzjoni tal-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali kellha tigi applikata f'kaz ta' htija s-subartikolu ( c ) taghha w tigi applikata l-piena stabilita ghall-kontravvenzjonijiet, salv aggravji ohra;

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet mill-gdid ix-xiehda fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 2003;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fil-kors tal-istess seduta;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat ;

Illi dan l-appell jirrigwarda incident awtomibilistiku li gara fl-10 ta’ Marzu 2001 ghall-habta tas-2.55 am fi Triq Ta’ Buqana, limiti tar-Rabat , Malta, w li fih il-vettura numru AAD 539, misjuqa mill-appellant, marret “out of control” u spiccat go ghalqa mall-gemb xellugi tat-triq int u niezel lejn il-Mosta. F’dan l–incident wegghu zewg persuni. Mill-provi mismugha minn din il-Qorti jirrizulta abbondantement li dak in-nhar tal-incident l-appellant kien qed isuq il-vettura in kwistjoni ghax kien talbu w insista mieghu li jaghmel dan Paul Zammit li ma kienx f’ pozizzjoni li jsuq ghax kien xorob . Gie osservat minn PS 630 Micallef li l-appellant kellu riha ta’ xorb u li ma kienx stabbli x’ hin kien qed jitkellem mall-Pulizija. Sarlu t-test tal-alcohol fuq il-post minn PC 1279 tal-mobile squad .Skond is-Surgent dak in-nhar it-temp kien bnazzi u l-art kienet xotta. L-appellant kien qal lis-surgent Micallef li kien qabad il-bankina jew ic-central strip u tilef il-kontroll u baqa’ niezel gol-ghalqa . Skond Zammit u x-xhud Reuben Farrugia kienu xorbu xi sitta, seba grokkijiet vodka fin-night club Tattingers fir-Rabat u l-appellant kien xorob bhalhom. Zammit xehed li peress li hu kien xorob harguh minn hemm shabu w saq l-appellant . Jaf li l-appellant kien ser jahbat xi darbtejn qabel ma gara l-incident ghax l-appellant kien imlahlah ukoll. Il-car kienet saret “total loss”. Skond Reuben Farrugia Zammit kien insista mall-appellant li kellu jsuq hu . Dan ghall-ewwel ma riedx izda meta Zammit gholla lehnu w baqa’ jinsisti li l-appellant kellu jsuq lura , l-appellant kien accetta li jaghmel dan . Mid-dokumenti esebiti a fol. 15 u 16 tal-process umbaghad jirrizulta li sar test ghall-alcohol fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Floriana w r-rizultat kien wiehed pozittiv .

Illi l-appellant ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti w ergo lanqas quddiem din il-Qorti . Ghalhekk baqa' ma ta ebda spjegazzjoni ghala hu kien tilef il-kontroll tal-vettura li , sebbene b'mod riluttanti , kien accetta li jsuq meta kien jaf li zgur ma kienx fi stat li jsuq wara sitt jew seba grokkijiet vodka w specjalment meta zgur ma kienx familjari mall-istess vettura.

Illi gie ritenut minn din il-Qorti li jekk sewqan hux (1) negligenti ; jew (2) bla kont jew (3) perikoluz hija kwistjoni ta' "degree" (App. Krim. Pol. vs. Charles Bartolo , 14.3.59; Pul vs. Wilson , Vol. XXXIX , p.1018; Pul. vs. Alfred Vella , Vol. XLIV , p. 933 u ohrajn ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom - l-aghar is-sewqan perioluz (App. Krim. Pol. vs. Hardingham , 19.10.63) . Illi ukoll gie ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pol. vs. Charles Farrugia , Vol. XXXIUX , p.1018) . "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. "Pul vs. Joseph Aqulina" 20.4.63) Sewqan negligenti ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV . p.892)

Illi umbaghad gie ukoll ritenut minn din l-Qorti li "accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra . Hawnhekk , ….. jaqa' fuq dik il-persuna il-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija ." (App. Krim. Pul. vs. Nazzareno Farrugia , Vol. XXXIII , p.968) Dan ghaliex " jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah "res ipsa loquitur" - "in such circumstances , the facts speak for themselves if no explanation is given by the defendant " (Ara DAVIES fil-"Law of Road Traffic" citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fl-appell : "Pul. vs Cassar Desain; 13.1.1962) S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabilita' u mhux tenut li jipprova beyond "a reasonable doubt" kif jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni . Hu veru li skond gurisprudenza aktar recenti , t-teorija ta' "res ipsa loquitur" f' materja penali m'ghadhiex aktar tigi applikata mill-Qrati taghna, pero', kif gie ritenut fl-Appell Kriminali " Il-Pulizija vs. James Abela "

[11.7.2002] jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew “circumstantial evidence” li joholqu certi “presumptions of fact” kontra s-sewwieq , li fl-assenza ta’ spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta’ jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq.

Illi gie ukoll ritenut li “ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu innifsu hija prova ndizjarja jew “circumstantial evidence” li tohloq “presumption of fact” ta’ Sewqan hazin , ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll.” [App. Krim. Pulizija vs. Neville John Psaila ; 20.3.2003]

Illi donnu li l-appellant qed jipprospetta d-diviza tal-”casus” kagjonata minn skiddjar tal-vettura tieghu. Illi gie ritenut appropositu minn din il-Qorti li : “F’materja ta’ “skidding” il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan . L-skid wahedha mhix la prova ta’ negligenza u lanqas skriminanti . Hemm bzonn li jigi indagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti . Jekk negligenza simili tirrizulta , allura hemm ir-responsabbilta’ nonostante l-”skid” . Jekk ma tirrizultax, allura l-”skid” hija “a good defence” ghax tkun “inevitable accident” . Ghaldaqstant biex tirmexxi d-difiza tal-”skid”, jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-”skid” dovuta ghall-art tizloq imma ukoll li l-”skid” saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq . Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-”skid” “sic et simpliciter” , imma jipprova ukoll li l-”skid” saret bla ebda htija tieghu , izda accidentalment b’mod li l-vettura , bla htija tieghu u accidentalment , saret inkontrollabbli , allura hija eskluza in-negligenza li taghti lok ghar-responsabilta’ kriminali .” [Il-Pul. vs. Carmel Cachia- Vol. XXXVII , iv. p.920].

Gie ukoll ritenut minn din il-Qorti fl-Appell : Il-Pulizija vs. J. Cost Chritien (Vol. XXXVII , iv. p. 873) li “meta tissuciedi kollizzjoni minhabba li wahda mill-karozzi tkun skiddjat , id-driver tal-karozza li skiddjat huwa responsabbli jekk ma gharafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-skiddjar meta kellu z-

zmien biex jaghmel dan u hu aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li tipprovoka l-aggravament tal-iskiddjar . Ghax l-imperizja fis-sewqan bhas-sewqan hazin hija htija .”

Ikkunsidrat ,

Illi apparti li fil-kaz in ezami lanqas jirrizulta li kien hemm xi “skid” “ut sic” ghax dak li l-appellant kien qal lis-Surgent Micallef a tempo vergine kien li qabad il-bankina jew centre strip u tilef il-kontroll , ma hemm ebda raguni ghala l-appellant kellu jiskiddja ghax, kif xehed PS Micallef, it-temp kien bnazzi w l-art kienet xotta. Kollox invece jindika li hu ma kellux il-kontroll shih tal-vettura bejn ghax ma kellux esperjenza taghha  kif ukoll ghax hu ukoll kien xurban . Din il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad tac-certezza morali rikjesta fil-kamp kriminali li  kien dan li wassal biex hu tilef il-kontroll tal-vettura w xejn izjed u ghalhekk , fl-assenza ta’ xi spjegazzjoni ohra plawsibbli li twassal al menu sal-grad tal-probabbilita’ , din il-Qorti hija sodisfatta li l-incident gara kollu  kemm hu tort tal-appellant.

L-appellant kien gie ukoll akkuzat b’feriti nvolontarji ta’ natura gravi fuq Andrew Vella w ta’ natura hafifa  fuq Paul Zammit.  Issa ghalkemm l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata sabet lill-appellant hati tal-akkuza ta’ feriti gravi nvolontarji fuq Andrew Vella (ghax ta’ hekk kien gie akkuzat) , mill-ezami tal-process jidher li skond l-Affidavit ta’ Dr. Charles Busuttil u St. Luke’s Hospital Patient Certification Form (a fols.6, 8 u 9  tal-process)  Vella kien sofra ksur tal-clavicle tal-lemin u din il-ferita kienet giet klassifikata bhala ferita ta’ natura hafifa sakemm ma jinqalgux komplikazzjonijiet . Fil-fatt ma saret ebda prova ta’ xi komplikazzjonijiet li setghu aggravaw in-natura tal-feriti ta’ Vella . Ghalhekk l-akkuza ta’ feriti gravi ma tirrizultax izda tirrizulta biss akkuza ta’ ferita hafifa nvolontarja li hija kompriza w involuta fit-tielet imputazzjoni kif dedotta. Mill-banda l-ohra pero’ rrizulta li l-feriti fuq Paul Zammit  kienu ta’ natura serjissima w li wasslu biex hu jissubixxi interventi kirurgici  anki  barra minn Malta. B’dana kollu pero’ l-akkuza originali  baqghet

ma mbidlitx u ghalhekk l-appellant seta' jinstab biss hati ta' feriti ta' natura hafifa w din il-Qorti - ghalkemm irrizultalha l-kuntrarju - ma tistax issibu hati li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Paul Zammit ,ladarba l-akkuza originali baqghet ma nbidlitx.

Illi ovvjament dan ghandu jkollu rifless fuq il-piena li nghatat lill-appellant .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel , tat-tieni , r-raba' u l-hames akkuzi , tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati tat-tielet akkuza w fejn ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' LM400 u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzji tas-sewqan ghal zmien sena, u minnflok issibu mhux hati tat-tielet akkuza kif dedotta izda hati biss talli , waqt li kien isuq il-vettura msemmija fic-citazzjoni, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni w b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, nvolontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Andrew Vella ,u minnflok il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti, tikkundannah ghall-multa komplessiva ta' tlitt mija w hamsin lira Maltin (LM350) u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur , li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl tal-lum 30 t' April, 2003, liema periodu ta' sospensjoni hu l-minimu preskritt mil-ligi skond l-artikolu 15H (2) (b) tal-Kap.65.

--------------------------------TMIEM--------------------------------